# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

GHARGHUR

***Minuti tat-tlieta u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 15 t' Ottubru 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 62**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** L-Agent S.E. informa li l-M.S.D. kienu nfurmawna li l-aktar kmieni li setghu ilestu l-bankijiet kien f'Ottubru 2010. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li jinhareg sejha ghall-offerti ghall-provvista u nstallazzjoni ta' tal-fanali kif ukoll ghall-bankijiet.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku nforma li l-MEPA kienet infurmatna li l-applikazzjoni taghna kienet ser titla Bord nhar is-27 t' Ottubru. Gie deciz li niksbu minghand il-Perit kopja tar-rapport tal-*case officer.*

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku informa x-xoghol fuq it-triq kien tlesta fiz-zmien u kienet diga nharget *Works Order* lil Koptasin sabiex jerghu isiru l-*markings* fejn it-triq tinghaqad ma' Triq tal-Balal. Is-Sindku nforma li kien ircieva diversi talbiet sabiex fit-triq isiru *traffic calming measures* kif ukoll li din tinghalaq ghal vetturi kbar (hlief sabiex jaghtu servizz u dawk li ghandhom *garage* fit-triq). Dwar dan gie unanimament deciz li jintalab il-permess ta' l-ADT.

**3.4** ***Para 3.4 – Fanali Dekorattivi:*** Giet ratifikata d-decizjoni li ttiehdet bejn il-laqghat fejn kien gie deciz li s-Sur Daniel Bezzina jibda jaghmel xoghol ta' tiswija fuq il-fanali meta jkun hemm bzonn. Il-Kunsillier Fenech informa li jista jkun hemm xi hadd iehor interessat f'dan ix-xoghol u ghalhekk gie deciz li din il-persuna tintalab tipprovdi stima ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**3.5** ***Para 3.6 – Tabella fi Pjazza tad-Dejma :*** L-Agent S.E. informa li t-tabella kienet wehlet minghajr problemi.

**3.6** ***Para 3.7 – Kotba – Librerija Lokali :*** Il-Kunsillier Fenech informa li l-kotba kienu ntghazlu u ghalhekk gie unanimament awtorizzat il-hrug ta' *Purchase Order* ghax-xiri ta' dawn il-kotba.

**3.7** ***Para 3.8 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** L-Agent S.E. informa li d-Dipt ghall-Gvern Lokali kien infurmana li fil-kaz u c-cirkostanzi taghna, setghet issir biss sejha lokali. Gie unanimament deciz li din tinhareg malajr kemm jista jkun. Sadanittant gie deciz li nitolbu lill-*Northern Cleaners Co-Op* sabiex sa laqgha ohra jipprovdulna l-*vouchers* tal-*Landfill* u dan bil-ghan li naraw kemm hi l-medja ta'skart organiku li qed jingabar.

**3.8** ***Para 3.9 – Fuljett –Kampanja Lokalitajiet Indaf :*** L-Agent S.E. informa li l-fuljett ghadu ma sarx. Gie deciz li dan isir minghajr aktar dewmien.

**3.9** ***Para 3.11 – Ftuh tal-Librerija s-Sibtijiet :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien informa lid-Dipt. tal-Libreriji li l-librara ma accettatx li tiftah il-librerija nhar ta' Sibt. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu mad-Dipt tal-Libreriji sabiex ninghataw il-permess nikru s-servizz ta' persuna sabiex tiftah il-librerija s-Sibt.

**3.10** ***Para 3.13 – Bini ta' hajt perikoluz fi Triq San Bartilmew :*** Is-Sindku nforma li x-xoghol sar mill-haddiema tal-Kunsill taht is-supervizjoni tal-Kunsillier A. Muscat.

**3.11** ***Para 3.17 – Kors tal-First Aid*** **: –** Gie unanimament deciz li jinhargu l-avvizi fil-hwienet, fuq il-*website* u ghal fuq in-*noticeboards* sabiex jirriklamaw dan il-kors.

**3.12** ***Para 3.18 – Devoluzzjoni Xelter –*** L-Agent S.E. informa li d-Dipt. ta'l-Artijiet kien talab pjanta tax-xelter. Gie unanimament deciz li jekk il-pjanti li ghandna ma humiex tajbin jitqabbad perit sabiex jaghmel pjanta tax-xelter.

**3.13** ***Para 5.5 – Loading / Unloading Bay :*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jiccekkja ma' l-ADT dwar din it-talba.

**3.14** ***Para 5.6 – Hajt fi Triq l-Indipendenza*** **:** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-MEPA u d-Dipt ta' l-Artijiet dwar dan il-kaz.

**3.15** ***Para 5.7 – Art fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki*** **:** Gew unanimament ratifikati z-zewg Stqarrijiet ghall-iStampa li nhargu mill-Kunsill kif ukoll it-tqassim tal-korrispondenza lir-residenti ta' dan il-Qasam tad-Djar dwar dan il-kaz. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li huwa kien gie ikkuntattjat mis-Segretarjat ta' l-Onor. Dr J. Azzopardi u dan qalilna li ladarba l-art inghatat lil terzi persuni (KMS) issa prattikament ma jista jsir xejn. Hu veru li d-Dipt. ta' l-Artijiet seta ikkonsulta mal-Kunsill Lokali specjalment meta l-Kunsill Lokali kien ilu jiehu hsieb l-art ghall-diversi snin. Gie unanimament deciz li ghandha ssir laqgha kemm jista jkun malajr mas-CEO tal-Kunsill Malti ghall-Isport u possibilment fil-presenza tas-Seg. Parl. l-Onor C. Puli sabiex naraw x'inhuma l-ghanijiet tal-KMS ghal din l-art kif ukoll

naraw hux possibbli li jsir progett flimkien mal-Kunsill Lokali.

**3.16** ***Para 5.9 – Zvilupp fi Triq Kromb il-Bahar*** **:** L-Agent S.E. informa li ghalkemm konna ktibna lil-MEPA sabiex issir zjara ohra fuq il-post, sa issa konna ghadna minghajr risposta. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu u jekk ikun hemm bzonn inkellmu lic-*Chairman* tal-MEPA.

**3.17** ***Para 6.7 – Hal Gharghur- Ir-Rahal Fuq l-Gholja*** **:** Is-Sindku nforma li wara konsultazzjoni ma' l-Onor. Dr C. Said kien gie deciz li l-konferenza stampa dwar il-ktieb issir fl-4 ta' Novembru 2009 fil-11:00 ta' fil-ghodu. Din l-attivita' tkun tinkludi ukoll dettalji dwar l-inizjattivi tal-Kunsill dwar il-basktijiet tac-carruta u l-boroz ghall-iskart li jista jigi riciklat.

**3.18** ***Para 6.8 – Kuntratt tal-Knis*** **:** L-Agent S.E. informa li d-Dipt. Ghall-Indafa Pubblika kien qed baqa jinsisti li l-prezz sabiex jiggedded il-kuntratt tal-knis ghandu ikun dak mitlub minnu minghajr ma ipprovda gustifikazzjoni ghaz-zieda mitluba. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Kunsill jiltaqgha mad-Direttur sabiex nippruvaw nilhqu ftehim.

***Il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fis-7:30 pm minhabba mpenji ohra***

**3.19** ***Para 7.6 – Tarmak fi Triq Zaghruna*** **:** L-Agent S.E. ipprezenta l-l-istima li kien ircieva minghand il-Bitmac ghal dan ix-xoghol. Gie nnotat li l-kejl imsemmi fl-istima aktarx ma hux tajjeb kif ukoll il-kuntrattur qed isemmi li hemm bzonn isir *scarifying* ta'l-area kollha meta dan mhux il-kaz. Gie deciz li nergghu inkellmu lil Bitmac. Il-Kunsillier A. Muscat offra li jiltaqa mal-Kuntrattur fuq il-post halli jispjegalu ahjar.

**3.20** ***Para 7.7 – Korrispondenza Kappillan*** **: -** L-Agent S.E. informa li l-ittra lil-Kappillan kienet inkitbet kif approvat fl-ahhar laqgha izda sa llum konna ghadna qed nistennew risposta kemm dwar l-ATM kif ukoll dwar it-toqob il-godda ghall-arbli tal-festa.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa llum. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezenta l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Settembru 2009 u din giet approvata unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba sabiex isiru *traffic calming measures* fi Triq Naxxar. Din it-talba ma gietx milqugha peress li l-Kunsill innota li fil-post indikat diga hemm *traffic calming measures*.

**5.2** Talba sabiex il-Kunsill jaghmel parkegg riservat ghal residenta li toqghod Triq il-Mithna peress li din il-persuna ghandha disabilita. Gie deciz li r-residenta tkun

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

infurmata bil-procedura li trid issegwi mal-KNPD.

**5.3** Talba sabiex issir *no obstruction bay* quddiem il-Kazin tal-P.L. fi Triq San Bartilmew halli ma jigix ostakolat l-access ghall-persuna li tuza s-siggu tar-roti. Din it-talba giet approvata unanimament.

**5.4** Talba sabiex tehel mera fi Triq Santa Katerina sabiex tiffacilita' il-hrug minn residenza privata. Gie unanimament deciz li ssir spezzjoni fuq il-post sabiex nifhmu ezatt il-post fejn hu propost li tehel din il-mera u jekk din ma tkunx ser tohloq ostaklu r-resident jinghatalu permess li jixtri u jwahhal il-mera.

***Il-Kunsillier M.Mifsud halla l-laqgha fit-8:20 pm minhabba mpenji ohra.***

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza minghand ic-*Child Care Centre Nannakola* tal-Gharghur sabiex issir *layby* vicin l-iskola. Gie unanimament deciz li l-*Reserved Bay* ta' hdejn l-iskola tkun tista tintuza ukoll mill-*Child Care Centre.* Gie deciz li jekk dan l-arrangament ikun accettabli ghall-*management* tac-*Child Care Centre* jintalab il-permess ta'l-ADT.

**6.3** *Memo* 56/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Emendi ghall-Att dwar Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Memo 63/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Sehem fi Programmi u Progetti ta' l-U.E.

Din il-korrispondenza gie innotata.

**6.5** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Affarijiet Rurali tinfurmana li l-Festival tal-Halib li kellu jsir fir-rahal f'Dicembru 2009 issa kien gie pospost ghall-Frar 2010.

**6.6** Korrispondenza minghand genitur li ghandu t-tifel/a jattendu c-*Child Care Centre* u li talab permess specjali sabiex ikun jista jghaddi bil-vettura tieghu minn Triq San Bartilmew meta din tkun maghluqa ghat-traffiku.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsill unanimament irratifika r-risposta li s-Sindku kien baghat lil din il-persuna.

**6.7** Korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari ghad-Djalogu u l-Informazzjoni fejn il-Kunsill gie irringrazzjat talli ospita' c-cerimonja tat-tqassim ta' ghotjiet sabiex aktar postijiet pubblici jsiru aktar accessibli ghal kulhadd.

Din il-korrispondenza giet innotata

**6.8** Korrispondenza minghand GM Productions dwar il-Konkors ta' Miss Malta 2009 fejn wahda mill-kompetituri hija mill-Gharghur.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament approvat li l-Kunsill jippartecipa u jaghti l-isponsor mitlub ta' €66.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Gie unanimament approvat li jingieb krejn sabiex ikunu jistghu jinzabru s-sigar ta' Gnien il-Paci.

**7.2** Wara li l-bierah il-Kunsill gie ipprezentat mill-Gvern Centrali bis-somma ta' €9,750 sabiex il-latrini pubblici isiru accessibli ghal persuni bi bzonnijiet specjali, gie unanimament deciz li tinhareg sejha ghall-offerti sabiex isir xoghol *ta'refurbishment* tal-latrini pubblici.

**7.3** Gie unanimament deciz li tinhareg sejha ghall-offerti sabiex isir tizjin tal-Milied fi Triq San Bartilmew u l-Pjazza permezz ta' dawl dekorattiv.

**7.4** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jordna diaries bl-arma tal-Kunsill. L-ammonti huma wiehed kbir ghall-Ufficcju, 30 x A3 u 40 *pocket size*.

**7.5** Gie unanimament deciz li jinhareg fuljett tal-Kunsill Lokali f'Dicembru.

**7.6** Il-Kunsill iddiskuta proposta minghand l-Ghaqda tan-Nar San Bartilmew li s-sena d-diehla din l-Ghaqda ser ticcelebra 100 sena ta' loghob tan-nar fil-Gharghur u bhala parti mill-attivitajiet li ser jigu organizzati ser jigi ippubblikat ktieb bl-istorja tal-loghob tan-nar. Il-Kunsill evalwa l-istimi ipprezentati sabiex jigi stampat dan il-ktieb. Il-Kunsill unanimament qabel li jippartecipa flimkien ma l-Ghaqda tan-Nar San Bartilmew sabiex jigi ippubblikat dan il-ktieb li fih dettalji storici marbuta mal-lokalita' u qabel li s-sehem tal-Kunsill ikun ta' € 2,000 li jinhargu flimkien mal-kontribuzzjoni ta' l-Ghaqda meta jsir il-pagament lill-*printer*.

**7.7** Il-Kunsillier A. Muscat irrakkomanda li Maria Dolores Zarb u Carmen Fenech jibdew iservu bhala membri fis-Sotto Kumitat Qasam Socjali. Dawn gew approvati unanimament.

***Il-laqgha ntemmet fid-9.15 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghall-Erbgha 28 t' Ottubru 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **28 t' Ottubru 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |